



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.6.2013  
COM(2013) 428 final

2013/0200 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-ġestjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew jinsabu mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. SFOND TAL-PROPOSTA

#### • Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

*L-estensjoni taż-żieda tal-kofinanzjament għall-Istati Membri hija mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom*

Id-dewmien fl-irkupru mill-kriżi finanzjarja u ekonomika poġġiet ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali taħt pressjoni hekk kif l-Istati Membri qed ikomplu fil-ħidma tagħhom fil-politiki meħtieġa ta' konsolidazzjoni fiskali. F'dan il-kuntest, l-iżgurar ta' implimentazzjoni mingħajr xkiel tal-programmi tal-Fond Ewropew għas-Sajd huwa ta' importanza partikolari għall-investiment fis-settur tas-sajd.

L-implimentazzjoni tal-programmi spiss tkun tippreżenta sfida, mhux l-anqas minħabba l-problemi ta' likwidità li jirriżultaw mill-konsolidazzjoni fiskali. Dan huwa b'mod partikolari l-każ ta' dawk l-Istati Membri li ġew l-aktar affettwati mill-kriżi, u li rċevew għajjnuna finanzjarja taħt programm ta' aġġustament. Sal-lum, seba' pajjiżi rċevew għajjnuna finanzjarja u qablu dwar programm ta' aġġustament makroekonomiku mal-Kummissjoni. Dawn il-pajjiżi huma Ċipru, l-Ungerija, ir-Rumanija, il-Latvja, il-Portugall, il-Greċja u l-Irlanda, minn hawn 'l quddiem imsejħa "l-pajjiżi tal-programm". L-Ungerija, ir-Rumanija u l-Latvja m'għadhomx jaqgħu taħt programm ta' aġġustament.

Sabiex jiġi żgurat li dawn l-Istati Membri (u kull Stat Membru ieħor li jista' jibbenefika minn programmi t'għajjnuna bħal dawn fil-futur) ikomplu bl-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika tas-sajd tagħhom u jkomplu jqassmu l-fondi għall-proġetti, il-proposta attwali fiha dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni twettaq pagamenti oġhla lil dawn il-pajjiżi għall-perjodu li qegħdin taħt il-mekkaniżmi ta' appoġġ, mingħajr ma' tibdel l-allokazzjoni ġenerali tagħhom taħt il-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2007-2013. Dan se jipprovdi aktar riżorsi finanzjarji lill-Istati Membri li jinsabu f'mument kritiku u se jħaffef l-implimentazzjoni kontinwa tal-programmi tagħhom.

#### • Il-kuntest ġenerali u d-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-isfera politika tal-proposta

L-Artikoli 76 u 77 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006, minn hawn 'il quddiem 'ir-Regolament', jipprovdu li l-pagamenti interim u l-bilanċ finali għandhom jiġu kkalkulati bir-rata ta' kofinanzjament għal kull assi prijoritarju kif stipulat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta l-programm operazzjonali ikkonċernat. Huma jipprovdu wkoll għall-applikazzjoni ta' rata miżjuda ta' kofinanzjament għall-pajjiżi tal-programm. Attwalment din id-dispożizzjoni tapplika sal-31 ta' Diċembru 2013.

#### • Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni

Il-proposta hija konsistenti ma' proposti u inizjattivi oħra adottati mill-Kummissjoni b'rispons għall-kriżi finanzjarja.

### 2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U ANALIŻI TAL-IMPATT

#### • Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Ma kienx hemm konsultazzjoni ma' partijiet interessati esterni

- **L-akkwist u l-użu ta' għarfien espert**

L-użu ta' għarfien espert estern ma kienx meħtieġ.

- **L-analiżi tal-impatt**

Il-proposta se tippermetti lill-Kummissjoni biex iżżid il-pagamenti lill-pajjiżi tal-programm sa tmiem il-perjodu 2007-2013. Iż-żieda tkun ammont ikkalkulat b'żieda ta' għaxar punti perċentwali fuq ir-rati ta' kofinanzjament, li tkun applikabbli għall-assi prijoritarju tal-programmi li l-infiq tagħhom huwa ċċertifikat bħala ġdid, sottomessi tul il-perjodu kkonċernat sakemm jintlaħaq il-limitu għall-pagamenti.

L-allokkazzjoni finanzjarja totali għall-perjodu mill-Fondi għall-pajjiżi u l-programmi kkonċernati mhux se jinbidlu.

### 3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Is-sommarju tal-miżuri proposti**

Qed ikun propost li jiġi mmodifikat l-Artikolu 77a tar-regolament biex jippermetti lill-Kummissjoni li tkompli, sa tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà tal-programmi operazzjonali 2007-2013, tħallas lura l-infiq ġdid iddikjarat b'ammont miżjud ikkalkulat bl-applikazzjoni ta' 10 punti perċentwali supplimentari tar-rati ta' kofinanzjament applikabbli għall-assi prijoritarju.

Il-kontribuzzjoni mill-fond għall-assi prijoritarju kkonċernat, m'għandhiex taqbeż l-ammont imsemmi fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operazzjonali.

- **Il-bażi legali**

Ir-Regolament jiddefinixxi r-regoli applikabbli għall-Fond. Abbażi tal-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjonijiet għall-proċess ta' programmazzjoni kif ukoll arranġamenti għall-ġestjoni tal-programmi (inkluża dik finanzjarja), il-monitoraġġ, il-kontroll finanzjarju u l-evalwazzjoni ta' proġetti.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà sal-punt li tfittex li tipprovdi aktar għajnuna permezz tal-Fond Ewropew għas-Sajd lil ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw diffikultajiet serji, b'mod speċjali fir-rigward tat-tkabbir ekonomiku u l-istabilità finanzjarja u b'defiċit u qagħda ta' dejn li qed imorru għall-agħar, riżultat ukoll tal-ambjent ekonomiku u finanzjarju internazzjonali. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu temporanju fil-livell tal-Unjoni li jippermetti lill-Kummissjoni li iżżid ir-rimborż abbażi tan-nefqa ċċertifikata skont il-Fond Ewropew għas-Sajd.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità:

L-estensjoni tal-applikazzjoni tar-rati miżjuda ta' kofinanzjament hija proporzjonali fir-rigward tal-kriżi ekonomika sostnuta u ta' sforzi oħra meħuda biex tingħata l-għajnuna lil dawn l-Istati Membri.

- **L-għażla tal-istrumenti**

L-istrument propost: emenda għar-Regolament attwali.

Il-Kummissjoni eżaminat il-marġini kollha ta' manuvra stipulati mill-qafas legali u tikkunsidra neċessarju, fid-dawl tal-esperjenza s'issa, li tipproponi emendi fir-Regolament Ġenerali.

#### **4. L-IMPATT BAĠITARJU**

Ma hemmx impatt fuq l-approprijazzjonijiet ta' impenn minħabba li ma hemm ebda emenda proposta għall-ammonti massimi tal-finanzjament tal-Fond previst fil-Programmi Operattivi għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

Għall-approprijazzjonijiet ta' pagament, il-proposta dwar iż-żieda hija newtrali għall-baġit. Madankollu, din tista' tirriżulta f'rimborż oġġla lill-Istati Membri kkonċernati fl-2014, iżda se jiġi bbilanċjat mal-għeluq fl-2017. L-approprijazzjonijiet ta' pagament addizzjonali għal din il-proposta se jimplikaw żieda fl-approprijazzjonijiet ta' pagament (bejn wieħed u ieħor EUR 10 miljun għall-2014) li se jkunu kumpensati sal-aħħar tal-perjodu ta' programmazzjoni. Għaldaqstant, it-total ta' approprijazzjonijiet ta' pagament għall-perjodu kollu ta' programmazzjoni mhux se jinbidel.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-ġestjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew jinsabu mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-kriżi globali finanzjarja u r-reċessjoni ekonomika mingħajr preċedent għamlu ħsara serja lit-tkabbir ekonomiku u lill-istabilità finanzjarja, u ħolqu deterjorament qawwi fil-kundizzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi ta' diversi Stati Membri. B'mod partikolari, ċerti Stati Membri qed jesperjenzaw diffikultajiet serji jew huma mhedda b'diffikultajiet bħal dawn, speċjalment bi problemi fit-tkabbir ekonomiku u l-istabilità finanzjarja tagħhom, u b'defiċit u qagħda ta' dejn li qed imorru għall-aġħar.
- (2) Ittieħdu azzjonijiet importanti biex jibbilanċjaw l-effetti negattivi tal-kriżi skont l-Artikoli 122(2), 136 u 143 tat-Trattat. Madankollu, il-persjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali qed tiżdied u għandhom jittieħdu passi xierqa biex tittaffa dik il-persjoni permezz tal-aqwa użu massimu tal-fondi mill-Fond Ewropew għas-Sajd.
- (3) Sabiex tkun iffaċilitata l-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni biex b'hekk jitħaffu l-investimenti fl-Istati Membri u r-regġuni, u biex titjeb id-disponibilità tal-fondi għall-ekonomija, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tal-Kunsill tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd<sup>3</sup> ġie emendat mir-Regolament (UE) Nru 387/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> biex tiġi permessa żieda fil-pagamenti interim u finali mill-Fond Ewropew għas-Sajd, b'ammont li jikkorrispondi għal għaxar punti perċentwali fuq ir-rata ta' kofinanzjament attwali għal assi prijoritarju għall-Istati Membri li għaddejjin minn diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom, u li talbu biex jibbenefikaw minn din il-miżura.

<sup>1</sup> ĠU C , , p. .

<sup>2</sup> ĠU C , , p. ;

<sup>3</sup> ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU L 129, 16.5.2012, p. 7.

- (4) Il-paragrafu 5 tal-Artikolu 77a tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006 jippermetti l-applikazzjoni ta' żieda fir-rata ta' kofinanzjament sal-31 ta' Diċembru 2013. Madankollu, peress li l-Istati Membri għadhom qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabilità finanzjarja tagħhom, l-applikazzjoni ta' żieda fir-rata ta' kofinanzjament m'għandhiex tkun limitata sa tmiem l-2013.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 1198/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (6) Minħabba l-kriżi bla preċedent hija meħtieġa adozzjoni rapida ta' miżuri ta' sostenn. Għalhekk huwa xieraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fir-Regolament (KE) Nru 1198/2006, il-paragrafu 5 tal-Artikolu 77a hu mħassar.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

### **1. ISEM IL-PROPOSTA:**

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-ġestjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabilità finanzjarja tagħhom.

### **2. QAFAS TA' ĦIDMA ABM / ABB**

Il-Qasam/l-Oqsma ta' Politika kkonċernat/i u l-Attività/Attivitajiet assoċjati:

L-Affarijiet Marittimi u s-Sajd; Attività ABB 11.06

### **3. LINJI BAĠITARJI**

#### **3.1. Il-linji baġitarji (linji operazzjonali u linji relatati tal-assistenza teknika u amministrattiva (li qabel kienu l-linji B.A)):**

L-azzjonijiet għodda proposti se jkunu implimentati fuq il-linji baġitarji li ġejjin:

- 11.061200 Ta' konverġenza (FES)
- 11.0613 Mhux ta' konverġenza (FES)

#### **3.2. It-tul ta' żmien tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju:**

Ebda waħda mill-bidliet proposti mhu se jkollhom impatt finanzjarju. Fil-fatt, il-ħtieġa akbar fl-2014 biex tkopri t-talbiet għall-pagamenti għall-Istati Membri taħt l-għajjnuna finanzjarja, se tiġi kkompensata mal-għeluq tal-programmi fis-sena 2017. Il-mekkaniżmu jippermetti xi antiċipazzjoni ta' pagamenti meta mqabbel ma' sitwazzjoni mingħajr "żieda" ("top-up").

### 3.3. Karatteristiċi baġitarji:

Linja baġitarja	Tip ta' nefqa		Ġdid	Kontribuzzjoni mill-EFTA	Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	Intestatura fil-perspettiva finanzjarja
11.061200	Mhux obligatorju	Differenzjata	LE	LE	LE	Nru 2
11.061300	Mhux obligatorju	Differenzjata	LE	LE	LE	Nru 2

## 4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

### 4.1. Ir-Riżorsi Finanzjarji

#### 4.1.1 *Is-sommarju tal-appropriazzjonijiet ta' impenn (AI) u l-appropriazzjonijiet ta' pagament (AP)*

It-tabelli li ġejjin juru stima tal-impatt tal-miżuri proposti fl-2014 sal-2017. Ġaladarba ma huma proposti l-ebda riżorsi finanzjari ġodda għall-appropriazzjonijiet ta' impenn, l-ebda ċifra ma hija mdaħħla fit-tabelli iżda hija indikata m.a. (mhux applikabbli). Il-proposta hija għaldaqstant konformi mal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2007-2013.

Għall-pagamenti, il-proposta biex jiġi estiż il-mekkaniżmu taż-żieda tista' tirriżulta f'rimborż ogħla lill-Istati Membri konċernati, li se jitpatta fl-għeluq. Abbażi tal-aħħar tbassir tal-pagament disponibbli mill-Istati Membri, iż-żieda fuq il-pagamenti mħallsa lill-Istati Membri kkonċernati fl-2012, u l-appropriazzjonijiet ta' pagament inklużi fil-Baġit tal-2013, il-ħtiġijiet baġitarji se jkunu bejn wieħed u ieħor EUR 10 miljuni għall-2014.



miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

It-tip ta' nefqa	Nru ta- Taqsima		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
------------------	--------------------	--	-----------	-------	-------	-------	-------	--------------------	-------

**Nefqa operazzjonali<sup>5</sup>**

Approprjazzjonijiet ta' Impenn (AI)	8.1	a	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Approprjazzjonijiet ta' Pagament (AP)		b	m.a.	+10	m.a.	m.a.	*10	m.a.	0.

**Nefqa amministrattiva inkluża fl-ammont ta' referenza<sup>6</sup>**

Assistenza teknika u amministrattiva (AMD)	8.2.4	c	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
--------------------------------------------	-------	---	------	------	------	------	------	------	------

**AMMONT TOTALI TA' REFERENZA**

Approprjazzjonijiet ta' Impenn		a+c	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Approprjazzjonijiet ta' Pagament		b+c	m.a.	+10	m.a.	m.a.	*10	m.a.	0,000

**Nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza<sup>7</sup>**

Riżorsi umani u nefqa relatata (AMD)	8.2.5	d	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Spejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż relatati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (AMD)	8.2.6	e	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

**Total indikattiv tal-ispiża finanzjarja għall-intervent**

<b>TOTAL TAL-AI inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani</b>		a+c +d +e	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
<b>TOTAL TAL-AP inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani</b>		b+c +d +e	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

<sup>5</sup> Nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx ikkonċernat.

<sup>6</sup> In-nefqa fi ħdan l-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

<sup>7</sup> In-nefqa fi ħdan il-Kapitolu xx 01 għajr għall-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

## Dettalji tal-kofinanzjament

*miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)*

Korp tal-kofinanzjament		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
.....	f	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
TOTAL tal-AI inkluż il-kofinanzjament	a+c +d+ e+f	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

### 4.1.2 Il-kompatibbiltà mal-Programmazzjoni Finanzjarja

- Il-proposta hija kompatibbli mal-programmazzjoni finanzjarja attwali.
- Il-proposta se tkun teħtieġ programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.
- Il-proposta tista' tkun teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali<sup>8</sup> (jiġifieri l-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

### 4.1.3 L-Impatt finanzjarju fuq id-Dħul

- Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul.
- Il-proposta għandha impatt finanzjarju - l-effett fuq id-dħul huwa dan li ġej:

*Miljuni ta' EUR (sa ċifra waħda wara l-punt deċimali)*

Linja baġitarja	Dħul	Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
			[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5] <sup>9</sup>
	<i>a) Id-dħul f'termini assoluti</i>		m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
	<i>b) Il-bidla fid-dħul</i>	Δ	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

**(Jekk jogħġbok speċifika kull linja baġitarja ta' dħul involuta, billi żżid l-għadd xieraq ta' ringieli fit-tabella jekk hemm effett fuq aktar minn linja baġitarja waħda.)**

<sup>8</sup> Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

<sup>9</sup> Għandhom jiġu miżjuda kolonni addizzjonali jekk ikun meħtieġ, jiġifieri, jekk it-tul tal-azzjoni jaqbez is-6 snin.

**4.2. Ir-Riżorsi Umani FTE (inklużi l-uffiċjali, u l-persunal temporanju u estern) – ara d-dettalji fil-punt 8.2.1.**

<b>Rekwiżiti annwali</b>	Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara
Għadd totali ta' riżorsi umani	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

**5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET**

**5.1. Il-ħtieġa li għandha tiġi ssodisfata fuq żmien qasir jew twil**

Il-kriżi finanzjarja u ekonomika sostnuta qed iżżid il-perssojoni fuq ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali hekk kif l-Istati Membri qed inaqqsu l-baġits tagħhom. F'dan il-kuntest, l-implimentazzjoni bla tfixkil ta' programmi ta' politika tas-sajd hija ta' importanza partikolari bħala għodda li tinjetta fondi fl-ekonomija. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-Istati Membri jkomplu bl-implimentazzjoni tal-programmi Fond Ewropew għas-Sajd li għaddejjin, u jagħtu fondi għall-proġetti, il-proposta tħaddan dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni iżżid il-pagamenti lill-Istati Membri għall-perjodu li huma qegħdin taħt il-mekkaniżmi ta' għajnuna.

**5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Komunità u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u s-sinerġija possibbli**

Il-proposta se tippermetti li titkompla l-implimentazzjoni tal-programmi, li jiġu injettati flus fl-ekonomija filwaqt li tgħin biex fl-istess ħin jitnaqqas il-piż fuq l-infiq pubbliku.

**5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati mal-proposta fil-kuntest tal-qafas tal-ABM**

L-għan huwa li tingħata għajnuna lil dawk l-Istati Membri l-aktar affetwati mill-kriżi finanzjarja sabiex ikunu jistgħu jkomplu bl-implimentazzjoni tal-programmi li għandhom għaddejjin u għaldaqstant jinjettaw fondi fl-ekonomija.

**5.4. Il-metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)**

Uri hawn taħt il-metodu(i) magħżul(a) għall-implimentazzjoni tal-azzjoni.

- Mal-Istati Membri

**6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI**

**6.1. Is-sistema ta' monitoraġġ**

Mhux meħtieġa, minħabba li din taqa' taħt il-monitoraġġ stabbilit tal-Fond Ewropew għas-Sajd.

## **6.2. L-evalwazzjoni**

### *6.2.1 L-evalwazzjoni ex ante*

Mhux applikabbli

### *6.2.2 Il-miżuri meħudin wara evalwazzjoni intermedjarja/ex post (tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imgħoddi)*

Mhux applikabbli

### *6.2.3 It-termini u l-frekwenza tal-evalwazzjoni fil-ġejjieni*

Mhux applikabbli

## **7. MIŻURI KONTRA L-FRODI**

**M.A.**

## 8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

### 8.1. L-għanijiet tal-proposta f'termini tal-kost finanzjarju tagħhom

*Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)*

(Għandhom jtnizzlu l-Intestaturi tal-Għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati)	Tip ta' riżultat	Spiża medja	Sena n		Sena n+1		Sena n+2		Sena n+3		Sena n+4		Sena n+5 u wara		AMMONT TOTALI	
			Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali	Nru riżultati	Spiża totali
GĦAN OPERAZZJONALI Nru 1 Tinżamm l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali																
				0,00 0		0,00 0										0,00 0
<b>SPIŻA TOTALI</b>				<b>0,00 0</b>		<b>0,00 0</b>										<b>0,00 0</b>

## 8.2. Nefqa Amministrattiva

### 8.2.1 L-għadd u t-tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' karigi		Persunal li se jiġi assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew riżorsi addizzjonali ( <b>għadd ta' impjegati/impjegati li jaħdmu full-time</b> )					
		Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5
Uffiċjali jew persunal temporanju (XX 01 01)	A*/AD	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
	B*, C*/AST	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Il-persunal iffinanzjat bl-Art XX 01 02		m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Persunal ieħor iffinanzjat permezz tal-Art. XX 01 04/05		m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
<b>AMMONT TOTALI</b>		m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

### 8.2.2 Id-deskrizzjoni tal-kompiti li ġejjin mill-azzjoni

Mhux applikabbli

### 8.2.3 Is-sorsi tar-rizorsi umani (statutarji)

(Fejn ikun iddikjarat aktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika l-għadd ta' karigi li joriġinaw minn kull sors).

- Karigi li bħalissa huma allokat i għall-ġestjoni tal-programm li għandhom jinbidlu jew jiġu estiżi
- Karigi allokat i minn qabel fl-eżerċizzju SPA/APB għas-sena n
- Il-karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura SPA/APB li jmiss
- Postijiet li jridu jergġu jiġu assenjati bl-użu ta' riżorsi eżistenti fl-ambitu tas-servizz ta' ġestjoni (riallokazzjoni interna)
- Karigi meħtieġa għas-sena n, għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju SPA/APB tas-sena kkonċernata

8.2.4 *Nefqa Amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva)*

*miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)*

Linja baġitarja (numru u intestatura)	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	AMMONT TOTALI
<b>1 Assistenza teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati tal-persunal)</b>							
L-aġenziji eżekuttivi	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Assistenza teknika u amministrattiva oħra	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
- intra muros	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
- extra muros	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
<b>Assistenza teknika u amministrattiva totali</b>	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

8.2.5 *Il-kost finanzjarju tar-riżorsi umani u l-kosti assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

*miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)*

Tip ta' riżorsi umani	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara
Uffiċjali u persunal temporanju (XX 01 01)	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Persunal ifffinanzjat bl-Art. XX 01 02 (awżiljarji, END, persunal bil-kuntratt, eċċ.) (speċifika l-linja ta' baġit)	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
<b>Spiża totali tar-Riżorsi Umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX fl-ammont ta' referenza)</b>	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

**Kalkolu – Uffiċjali u Aġenti Temporanji**

Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1, jekk applikabbli

m.a.

**Kalkolu– Persunal iffinanzjat skont l-Art. XX 01 02**

Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1, jekk applikabbli

m.a.

**8.2.6 Nefqa amministrattivi l-oħra mhux inkluża fl-ammont ta' referenza**

*miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)*

	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	AMMO NT TOTAL I
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
XX 01 02 11 03 – Kunitati	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' informazzjoni	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
<b>2 Total ta' Nefqa Oħra ta' Ġestjoni (XX 01 02 11)</b>	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
<b>3 Nefqa oħra ta' natura amministrattiva (speċifika billi tindika l-linja tal-baġit)</b>	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
<b>Nefqa Amministrattiva totali, għajr ir- riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (MHIX inkluża fl-ammont ta' referenza)</b>	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.

**Kalkolu – Nefqa amministrattiva oħra mhux inkluża fl-ammont ta' referenza**

m.a.